

## Proposta għal

### REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru ../..

ta' [...]

**li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom**

**(Test b'relevanza għaċ-ĊEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni<sup>1</sup> (hawnhekk 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom<sup>2</sup>,

Billi:

- (1) Il-paragrafu 21.1 ta' l-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 jistabbilixxi l-prinċipju ta' post prinċipali tan-negozju.
- (2) L-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll l-industrija talbu definizzjoni tal-kunċett ta' post prinċipali tan-negozju, sabiex ikun evitat fehim ħażin li jista' jseħħ meta l-awtorità ma tkunx definita b'mod ċar
- (3) Il-miżuri li għalihom hemm provdut b'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-opinjoni maħruġa mill-Aġenzija<sup>3</sup> skond l-Artikoli 12(2)(b) u 14(1) tar-Regolament Bażiku.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-kamp ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni. (ĠU L 240, 7.9.2002, p.1)

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 ta' l-24 ta' Settembru 2003, li jistabilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji ta' l-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni tagħhom (ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.). Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 706/2006 tat-8 ta' Mejju 2006 (ĠU L122, 9.5.2006, p. 16).

<sup>3</sup> Opinjoni 5/2005 ara: [http://www.easa.eu.int/home/opinions\\_en.html](http://www.easa.eu.int/home/opinions_en.html)

- (4) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni <sup>1</sup>tal-Kumitat ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni stabbilit bl-Artikolu 54(3) tar-Regolament Bażiku.
- (5) Għaldaqstant ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 għandu jiġi emendat bix-xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Il-punt (ċ) li ġej huwa miżjud ma' 21.1 ta' l-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru1702/2003:

“(ċ) Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament u fir-rigward ta' organizzazzjonijiet inklużi fl-Anness tiegħu, il-post prinċipali tan-negozju huwa maħsub sabiex ifisser is-sit ta' l-organizzazzjoni fejn il-personal speċifikat f'21.A125(b)3 iwettaq l-attivitajiet tiegħu taħt il-Parti 21 Subparti F, u fejn il-maġġoranza tal-personal ta' l-organizzazzjoni speċifikata fil-paragrafu 21A.145(ċ) jidderieġi, jikkontrolla jew jikkoordina l-attivitajiet tekniċi tiegħu, u jiżgura li l-organizzazzjoni tikkonforma mar-rekwiżit speċifikati fil-Parti 21 Subparti G.”

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

*Magħmul fi Brussell,*

*Għall-Kummissjoni  
Membru tal-Kummissjoni*

---

<sup>1</sup> [għad trid tinħareġ]